MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2012

Numru. 99/2009

IL-PULIZIJA
(SPETTUR JOSRIC MIFSUD)

VS

JOSEPH SANCTO ta' 24 sena bin Keith u Angela nee' Buttigieg, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar it-08 ta' April 1987, residenti fil-fond numru 15, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 21587G

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Joseph Sancto gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru 2009, gewwa Triq il-Forn, Qala (Ghawdex) ghal habta ta' bejn l-ghaxra u l-ghaxra u ghaxra ta' filghodu (1000 – 1010 hrs):

a. talli ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).ghad-detriment ta' SPCA (Ghawdex).
b. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Betty Berry sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor u dana bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
c. Imbotta lil imsemmija Betty Berry fit-triq biex iwegghaha jew jinsultaha.
d. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u bil-glied u dana bi ksur ta'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
e. Ukoll talli irrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datata 27 ta' Frar 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi imhassra.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti,

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Novembru 2009 sabiex dina l-kawza tigi ttratata bi procedura sommarja.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-incident mertu tal-kawza inqala' minhabba nuqqas ta' bwon sens minn naha tal-imputat li ghogbu jaghmel xenata minflok qabel irrifletta u staqsa lill-parti leza Betty Berry dak li kienet qed tipprova taghmel. Fil-fatt l-imsemmija Betty Berry, li fiz-zmien tal-incident kienet rapprezentant tal-SPCA ghal Ghawdex, bil-kunsens tan-nies kollha li kienu qed jabitaw fl-akkwati kienet b'mod volontarju iddecidiet li tigbor il-qtates li kienu qed jigerrew barra fit-toroq u l-eghlieqi u tehodhom sabiex jigu sterilizzati u b'hekk ma jkomplux jitkattru b'mod esagerat. Dana ghalhekk kien ser inaqqas l-inkonvenjent ghall-abitanti u kienet ukoll ser tkun ta' gid ghal dawn il-

qtates li hafna minnhom sfortunatament jispiccaw jew jittajru mill-vetturi jew inkella jmutu b’xi mard.

Fl-ghodwa tal-incident ghalhekk l-imsemmija Berry kienet qed tigbor dawn il-qtates f’gageg appoziti sabiex tehodhom ghal dina l-operazzjoni, imbaghad aktar tard tirritornahom fuq il-post. Jidher illi l-imputat ma fehemx dak li Berry kienet qed taghmel u ghalhekk hassu urtat peress illi haseb illi dina l-mara kienet ser tehodlu l-qtates li hu kien ilu ghal diversi snin jitma u jiehu hsieb. Fil-fatt Berry stess tghid illi l-qtates kienu jidhru mitmugha sew. Huwa ghalhekk insista maghha li hija titlaqhom u meta dina rrifjutat, huwa beda jkisser il-gageg tal-SPCA  u anke agredixxa lil Berry.

Illi l-fattispecje ta’ dana l-incident johorgu b’mod l-iktar elokwenti mix-xhieda ta’ Betty Berry[1]. L-imputat ghalkemm ma jixhidx f’dawn il-proceduri madanakollu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija[2] kif ukoll fil-verzjoni li huwa taha *a tempo vergine* lis-surgent Jason Spiteri[3] jammetti illi kisser dawn il-gageg bir-rabbja li kellu. L-imputat, fil-fatt, matul il-kors tat-trattazzjoni ta’ dina l-kawza, hallas lil SPCA (Gozo) l-ammont ta’ €292.23 rapprezentanti d-danni subiti minnu.

Illi l-imputat huwa akkuzat illi kkaguna hsara volontarja ghad-dannu tal-SPCA (Gozo), imbaghad akkuzat ukoll b’diversi reati ta’ natura kontravvenzjonali u cioe’ illi hebb u mbotta lil Betty Berry u wkoll li kiser il-bwon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied. Illi indubbjament fid-dawl ta’ dak hawn fuq espost, dawn l-akkuzi huma kollha fondati u ghalhekk l-imputat ser jinstab hati tal-istess.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva l-prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat minn din il-Qorti tas-27 ta’ Frar 2007. Illi minn qari ta’ dina s-sentenza l-konnotati tal-imputat huma l-istess u ghalhekk dana huwa sufficjenti sabiex tirnexxi dina l-akkuza[4].

---

[1] Ara xhieda ta’ Betty Berry a fol.18
[2] Ara stqarrija Dokument B a fol. 12
[3] Ara rapport esebiet a fol. 8 et. Seq.
[4] Ara sentenza esebieta Dokument A a fol.40

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat iddispjacieh ghal dak illi ghamel u anke hallas id-danni ikkagjonati minnu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(d)(l), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------